

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Annulament tad-deċiżjoni tal-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna li tikkonferma limitu massimu ta' rimbors għaċ-ċaqliq tar-rikorrent mill-Montenegro għall-pajjiż ta' oriġini tiegħu.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla purament u sempliċement id-deċiżjoni kkontestata mogħtija mill-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ, iddatata 23 ta' Lulju 2014 u nnotifikata fl-1 ta' Awwissu 2014;
- jikkonstata li ZZ ser jiġi rimborsat għall-ispejjeż reali tiegħu sostnuti għaċ-ċaqliq tiegħu fl-ammont ta' EUR 17 940;
- jikkonstata, sussidjarjament, li ZZ ser jiġi rimborsat għall-ispejjeż taċ-ċaqliq tiegħu fl-ammont ta' EUR 7 960;
- jikkonstata li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandu jbati l-ispejjeż kollha tal-kawża.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Novembru 2014 – ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-128/14)**

(2015/C 034/62)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: L. Vogel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li timponi fuq ir-rikorrent is-sanzjoni dixxiplinari ta' sospensjoni ta' avvanz ta' skala għal perijodu ta' 12-il xahar.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni adottata mill-Awtorità tal-Ħatra, fil-persuna ta' tliet Diretturi Ġenerali tal-Kummissjoni, tat-23 ta' Diċembru 2013, li permezz tagħha ġie imposta fuq ir-rikorrent is-sanzjoni ta' avvanz ta' skala għal perijodu ta' 12-il xahar, effettiva mill-31 ta' Diċembru 2013, skont l-Artikolu 9(1)(ċ) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal;
- sa fejn huwa meħtieġ, jannulla d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità tal-Ħatra tat-22 ta' Lulju 2014, li permezz tagħha ġie miċħud l-ilment tar-rikorrent, datata 21 ta' Marzu 2014, li jikkontesta s-sentenza dixxiplinarja ċċitata hawn fuq, datata 23 ta' Diċembru 2013;
- jikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-istanza, skont l-Artikolu 101 tar-Regoli tal-Proċedura, u b'mod partikolari l-ispejjeż indispensabbli sostnuti għall-finijiet tal-proċedura, bħall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u ta' akkomodazzjoni, kif ukoll l-ispejjeż u d-drittijiet tal-avukati, skont l-Artikolu 105(ċ) tal-istess regolamenti.